QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA’ GUDIKATURA KRIMINALI

DR TONIO MICALLEF TRIGONA LL.D., Mag. Juris (EU Law)
MAGISTRAT

840/99 Illum 6 ta’ Novembru, 2000.

Il-Pulizija,
(Spettur Maurice Curmi)
vs
Victor Muscat.

Il-Qorti:

Rat l-akkuzi kontra:

Victor Muscat ta’ 58 sena bin il-mejjet Manuel u l-mejta Carmela née Galea imwieled B’Kara fit-28 ta’ Ottubru 1940 u joqghod 82, Naxxar Road, Balzan, detentur tal-karta ta’ l-identita` numru 725840(M);

Akkuzat talli:

1) F’dawn l-ahhar snin, xjentement f’Malta laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat jew, xjentement b’kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom, u cioe` tal-vettura ta’ l-ghamla ‘Isuzu Gemini’ bin-numru registrazzjoni H-6418, ta’ valur li jeccedi l-elf lira Maltin (Lm1,000), a detriment tas-Socjeta` Assikuratrici ‘Middle Sea’, ai termini ta’ l-Artikolu 334 tal-Kodici Kriminali, Kap 9, tal-Ligijiet ta’ Malta;

2) Fl-istess zmien u cirkostanzi sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita` pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz, billi wahhal 'set' ta' 'number plates' foloz (LAD-636) fuq l-imsemmija vettura u cioe` fuq il-vettura ta' l-ghamla 'Isuzu Gemini' numru ta' registrazzjoni H-6418, ai termini tal-Artikolu 188 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3) Fl-istess zmien u cirkostanzi ghamel falsifikazzioni jew ghamel uzu minn dokument iehor falsifikat billi hassar u biddel in-numru tax-'chassis' tal-vettura ta' l-ghamla 'Isuzu Gemini' numru tar-registrazzjoni H-6418, u minfloku wahhal numru tax-'chassis' ta' vettura ohra ta' l-ghamla 'Isuzu Gemini' numru ta' registrazzjoni LAD-636, ai termini tal-Artikoli 189 tal-Kodici Kriminali Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet l-provi;
Rat l-atti u d-dokumenti;

Rat l-Artikoli mahruga mill-Avukat Generali (folio 53) fuq liema baghat l-imputat biex jigi gudikat minn dina l-Qorti bhala wahda ta' Gudikatura Kriminali fin-nuqqas ta' oppozizzjoni mill-imputat izda mhux qabel li tkun semghet l-ahhar provi tal-prosekuzzjoni.

Ikkonstatat li l-prosekuzzjoni ma kellhiex aktar provi xi tressaq.

Semghet t-trattazzjoni.

Ikkonsidrat:

L-akkuzi kontra l-imputat ai termini tar-rinviju jittrattaw l-falsifikazzjoni u r-ricettazzjoni. Huma joriginaw minn rapport anonimu li l-pulizija kienet irceviet dwar li l-imputat, li ghandu negozju tal bejgh tal karozzi wzati, kellu fil-pussess tieghu karozza misruqa. Minn investigazzjonijiet li saru giet identifikata karozza li kienet fil-pusses ta' l-imputat li setghet originat minn serq. Difatti mix-xhieda prodotta jirrizulta li vicin il-Milied tas-sena 1992 kien sehh incident awtomobilistiku li fih vettura ta' l-ghamla 'Isuzu Gemini' tant kienet sofriet hsarat li giet dikjarata bhala 'total loss'. Sussegwentement ghal dan jirrisulta li l-vettura inbieghet lill-imputat mis-socjeta assikuratrici li kienet hallset lill-assikurat taghha u zammet ir-'wreck'. Minn dan l-istadju l-quddiem l-imputat 'ex admissis' jammetti li huwa kien zarma minn din il-vettura in-numru tax-'chassis' taghha u poggih fuq vettura tal l-istess ghamla li kien gia` allura akkwista. Kemm fix-xhieda li offra li jaghti quddiem il-Qorti u kemm fl-istqarrija, l-imputat spjega c-cirkostanzi li sfurzawh jaghmel hekk. Stqarr li kien gie lilu propost ipartat porzjoni art (deskritta dok. 'KG' - folio 68) ma' vettura ta' l-ghamla Isuzu Gemini. Huwa kien accetta t-tpartit kif kien gie propost ossija l-porzjon art mal-vettura, ras imbras. Stante li kien sab diffikultajiet biex idawwar il-vettura fuq ismu kien iddecieda li juza' l-fuq imsemmi stratagema, ossija li jissostitwixxi ix-'chassis' tal din il-vettura ma' dik li kien xtara mis-socjeta assikuratrici.

Innega pero` li huwa kien jaf li l-vettura oggett tat-tpartit kienet wahda misruqa.

Issa mill-provi m'hemm xejn ghaliex dina l-Qorti ghandha tiddubita li l-imputat ma kienx veritier. Dan fl-fatt jirrizultalha minn varji cirkostanzi, fosthom, li l-imputat kien mill-bidu nett ammetta l-illegalita` li kien ghamel u li verament kien sehh in-negozju dwar l-art li mid-dokumenti n-atti jirrisulta li l-art kien akkwista fin-1981 u bieghha sena wara, liema dati huma sinifikattivi stante li wkoll jaghtu kredibilita` lill-fatti minnu mistqarra.

Ghaldaqstant u minn dan fuq espost dak li jirrizulta minn fost l-akkuzi hija dik tal falsifikazzjoni izda mhux ukoll dik tar-ricettazzjoni li mhix sorretta mill-provi.

Ghalhekk ser niddeciedi l-kawza billi ssib l-imputat hati tat-tieni u t-tielet akkuza izda mhux tal l-ewwel li minnha qeghdha tilliberah. Rat l-Artikolu 188, 189 u 17 tal-Kap 9 u wara li ikkunsidrat ic-cirkostanzi kif fuq esposti u kif jirrizultaw ukoll mix-xhieda prodotta, hi tal-fehma li l-piena li l-aktar taddici ghall-kaz hi dik tal-liberazzjoni taht kundizzjoni bl-applikazzjoni tal l-Artikolu 9 tal-Kap 152. Ghalhekk qeghdha tiddiciedi li tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor zmien sena mill-lum.

**A. M. Trigona,**<br>**Magistrat.**

Nahlef li ittraskrivejt fedelment u onestament r-registrazzjoni tat-tape.

Sue Fenech,<br>Dep. Reg.